# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 33 – L-ERBGĦA 28 TA' DIĊEMBRU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat : | Antoine Vella | Kunsillier |

Kien hemm tliet persuni jattendu għall-maġġorparti tal-laqgħa.

Inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsillier Vella kien informa li ma setgħax jattendi.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li:

i. jiddaħħlu l-kliem 'u telefon' f'para. 1.1 biex is-sentenza taqra 'ġie kkonfermat li d-deċiżjoni kienet għas-17 iżda wara li s-Sindku kien ikkomunika permezz tal-*email* u t-telefon mal-Kunsilliera u s-SE, kellu jdawwar il-ġurnata għaliex ma setgħax isib post';

ii. jiddaħħlu l-kliem 'fejn hemm *replacement*/ħsara' f'para. 3.2 sabiex l-aħħar parti taqra 'm'għandhomx jinxtraw aktar chokes u fejn hemm *replacement*/ħsara l-bozoz iduru kollha għal dawl *energy saving*.

iii. tinbidel il-kelma 'sponsorjat' minflok 'provdut' f'para. 5.2;

iv. tiddaħħal il-kelma 'Depiro' f'para. 6.1 biex l-aħħar parti tat-tieni sentenza taqra 'bejn l-Awtorità, Depiro u l-iMtarfa FC';

v. L-aħħar sentenza f'para 6.10 għandha taqra 'Min-naħa l-oħra iżda l-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jgħaddi messaġġ tal-Milied lir-residenti.'

1.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li f'para. 7.4, l-aħħar parti tas-sentenza tinbidel għal 'waqt stedina uffiċjali mill-Kappillan' minflok 'waqt l-attività tal-Arċisqof li nżammet fis-Sala tal-Kappillan'.

1.3 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

2.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Fuq proposta tas-Sindku u li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta l-offerta tal-Awtorità tad-Djar sabiex jikri l-kamra magħrufa bħala tal-periti għas-somma ssussidjata ta' €1268.30 fis-sena li titħallas kull tliet xhur, sabiex isir użu minnha mill-kommunità. Kien hemm qbil iżda li qabel xejn għandha tintalab pjanta tal-kamra/kmamar minħabba allegazzjoni li partijiet minnha setgħu jkunu ta' terzi persuni.

3.2 Is-Sindku informa li wieħed mill-offerenti tal-offerta tal-knis kien daħħal appell. Sadanittant ġie nnutat li l-kuntrattur preżenti kien naqqas ħafna mix-xogħol tiegħu u għaldaqstant kien hemm qbil li għandha tinħareġ twissija lill-kuntrattur.

3.3 Is-Sindku informa li xi ġranet qabel kien ġie nnutat xogħol fuq bankina fi Triq l-Imtarfa, fejn il-bankina kienet tbaxxiet għal-livell tat-triq, u liema xogħol kien ġie ordnat u attwat minn TM mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jibqa' jinsisti li għalkemm mhux kontra li tissolva l-problema tal-għargħar, il-bankina għandha terġa' titraġġa lura għall-istat oriġinali tagħha. Ġie nnutat ukoll li fil-preżent ġiet perikoluża ħafna għall-*pedestrian* u għaldaqstant il-Kunsill kien qed iżomm lil TM responsabbli kemm-il darba jiġri xi inċident.

3.4 Is-Sindku informa li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Sur Charles Borg sabiex issir *Keep Clear* quddiem il-garaxx tiegħu minħabba li qed ikollu problema biex jaċċessah. Is-SE kienet se tieħu ħsieb tiltaqa' miegħu biex tisma' l-ilment tiegħu.

3.5 Is-Sindku qara żewġ kommunikazzjonijiet li twasslu l-uffiċċju tal-Kunsill fir-rigward ta' bollard li nqalgħet minn Triq il-25 ta' April. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-bollard titneħħa u għandha tintbagħat talba lil TM biex japprovaw li titwaħħal tabella sabiex jitħalla biss aċċess u parkeġġ għal mhux aktar minn 30 minuta.

3.6 Il-Kunsill qabel mal-proposta li twasslet mingħand l-Aġenzija Sapport biex jorganizzaw il-librerija tal-kunsill u jibdew jiftħuha fuq bażi regolari. Minħabba li l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jgħin finanzjarjament, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jidħol fi ftehim magħhom sabiex dan kollu jsir b'mod volontarju.

3.7 Il-Kunsillier Scerri Diacono ġibed l-attenzjoni għal Memo 123/11, li kien qed jipprojbixxi t-tipjip fi *playing fields* u ġonna pubbliċi. Fuq suġġeriment tiegħu kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel sinjali kontra t-tipjip fil-Ġnien tas-Sinjura u l-Ġnien fi Triq il-25 ta' April.

3.8 Is-SE infurmat li l-allokazzjoni għas-sena finanzjarja 2012 kienet se tkun ta' €239,751.

3.9 Kien hemm qbil li l-Kunsill jitfa' applikazzjoni għar-restawr tat-tank tal-ilma b'risposta għal Memo 122/11 fir-rigward ta' skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar.

3.10 Is-SE infurmat li l-iskrivan tal-kunsill kien infurmaha li nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar huwa kien dieħel l-isptar jagħmel operazzjoni u li kien se jagħmel numru ta' ġimgħat barra mix-xogħol. Barra minn dan hija talbet direzzjoni mill-Kunsill minħabba l-fatt li s-Sur Spiteri kien ġemma' s-sigħat tal-*leave* tiegħu sentejn wara xulxin u kien qed jerġa' jitlob li jmexxihom għas-sena d-dieħla. Dan meta ma nstab l-ebda ftehim bejnu u s-SE ta' qabel; għandu akkumulu kbir ta' kważi 400 siegħa, minbarra s-*sick leave*; kif ukoll minħabba l-fatt li l-liġi tiprojbixxi li l-*leave* akkumulat isir sentejn fuq xulxin. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Sadanittant is-Sindku wiegħed li se jipprova jara jekk tkunx tista' tinġab persuna temporanja matul il-ġimgħat li l-iskrivan ma jkunx disponibbli.

3.11 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva s-somma ta' €268 mingħand il-Kumitat Konġunt bħala rifużjoni mis-sistema tal-*pooling*.

3.12 Il-Kunsill qabel li għandu jixtri bandiera u arblu skont kwotazzjonijiet sottomessi mill-Kumitat Reġjonali tat-Tramuntana sabiex jinżammu f'dan l-uffiċċju flimkien mal-bnadar tal-Kunsilli l-oħra kollha li jiffurmaw dan il-kumitat. L-ispiża kienet ta' €299.

## 4. PUNTI OHRA

4.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar xi ħofor li żviluppaw quddiem binja ġdida fi Triq l-Imtarfa, is-SE infurmat li kienet f'kommunikazzjoni mal-kuntrattur u ma' uffiċjali ta' TM sabiex tinstab ġurnata komuni biex ikun jista' jsir ix-xogħol ta' *reinstatement*.

4.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar xi xogħlijiet relatati ma' lmenti, is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li possibbilment, waqt il-laqgħa tal-Kunsill m'għandhomx jiġu mgħoddija lmenti żgħar li setgħu jitwasslu lill-amministrazzjoni iżda għandhom jiġu diskussi biss ilmenti li għandhom bżonn ta' deċiżjoni speċifika.

4.3 Il-Kunsillier Scerri Diacono skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien id-9:05pm.

4.4 Il-Viċi Sindku informa li fiż-żona magħrufa bħala tal-karnival kien qed jerġa' jakkumula l-ħmieġ u kien qed isir xi ħruq. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikkomunika mal-persuni risponsabbli.

4.5 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jorganizza ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-istaff. Persuni oħra li jkunu se jattendu għandhom iħallsu għall-ikla separatament.

## 5. GHELUQ IL-LAQGHA

5.1 Il-laqgħa spiċċat fid-9 :20pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2012 fis-7.30pm.

______________________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________________

**Anthony Mifsud**
**Sindku**